

Rikors ippreżentat fil-5 ta' Mejju 2015 – Haswani vs Il-Kunsill**(Kawża T-231/15)**

(2015/C 213/65)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrent: George Haswani (Yabroud, is-Sirja) (rappreżentant: G. Karouni, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob lill-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

- tannulla r-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/375 tas-6 ta' Marzu 2015 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja, sa fejn jirrigwarda lir-rikorrent;
- tannulla d-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/383 tas-6 ta' Marzu 2015 li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja sa fejn tirrigwarda lir-rikorrent;
- konsegwentement, tordna t-tnejħiha ta' isem ir-rikorrent George Haswani mill-annessi mehmuża mal-atti msemmija iktar 'il fuq;
- tikkundanna lill-Kunsill għall-ħlas ta' EUR 700 000 danni bħala kumpens għad-danni kollha;
- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk li r-rikorrent sostna li jirriżerva li jiġiustifika matul il-proċedura.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-riktors tagħha, ir-rikorrent jinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża, tad-dritt għal seduta preliminary u d-dritt għal smiġħ xieraq.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, sa fejn l-atti kkontestati huma insuffiċjenti u impreċiżi.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni u assenza ta' provi, sa fejn ma hemmx pedament reali u serju għall-miżuri restrittivi meħuda kontra r-riktorrenti.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ġenerali ta' proporzjonalità.
5. Il-humes motiv dwar talba għad-danni tar-riktorrenti.

Rikors ippreżentat fil-11 ta' Mejju 2015 – Cofra vs UASI – Armand Thiery (1841)**(Kawża T-233/15)**

(2015/C 213/66)

*Lingwa tar-riktors: l-Ispanjol***Partijiet**

Rikorrenti: Cofra Holding AG (Zug, l-Isvizzera) (rappreżentant: M. Aznar Alonso, avukat)

Konvenut: L-Ufficiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Armand Thierry SAS (Levallois Perret, Franza)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI

Proprietarju tat-trade mark ikkонтestata: ir-rikorrenti

Trade mark ikkонтestata kkonċernata: it-trade mark Komunitarja verbali "1841" –Trade mark Komunitarja Nru 9 119 553

Proċedimenti quddiem l-UASI: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tas-26 ta' Frar 2015 fil-Każ R 805/2014-1

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-UASI u lill-parti l-oħra fil-proċedimenti ta' appell, jekk tintervjeni fil-proċedimenti, għall-ispejjeż.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 57(2) tar-Regolament Nru 207/2009 u tar-Regola 40(6) tar-Regolament Nru 2868/95;
- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Mejju 2015 – Spanja vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-25/14) ⁽¹⁾

(2015/C 213/67)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Il-President tal-Ewwel Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 61, 1.3.2014.